Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10756 — ACC / EVONIK / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 265/07)

1. Fil-5 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Evonik Operations GmbH (il-Ġermanja) u Evonik (China) Co. Ltd. (iċ-Ċina) (flimkien imsejħin "Evonik"), li huma finalment kkontrollati minn RAG-Stiftung (il-Ġermanja),

— AVIC Composite Corporation Ltd. ("ACC", iċ-Ċina), flimkien mal-affiljat Yu Hua Funding & Investment (Xiamen) Limited Partnership ("Yu Hua", iċ-Ċina), it-tnejn li huma finalment ikkontrollati minn Aviation Industry Corporation of China ("AVIC", iċ-Ċina),

— ACC Evonik (Shanghai) Composite Materials Technology Co. Ltd. (il-"JV", iċ-Ċina).

Evonik u ACC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Evonik għandha l-kwartieri ġenerali tagħha l-Ġermanja u hija elenkata fil-Borża ta' Frankfurt. Hija attiva fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' speċjalità, u tiffoka fuq prodotti fl-oqsma tal-addittivi ta' speċjalità, in-nutrizzjoni u l-kura, il-materjali intelliġenti, il-materjali ta' prestazzjoni, u t-teknoloġija u l-infrastruttura.

— ACC hija sussidjarja akkwiżita totalment tal-AVIC, kumpanija ajruspazjali Ċiniża tal-Istat li primarjament tipproduċi u tikkummerċjalizza inġenji tal-ajru u parts tal-inġenji tal-ajru fiċ-Ċina.

— Il-JV se tkun attiva fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' trabijiet ibbażati fuq raġħwa tal-polimetakrilimmidu (PMI) u polietere tal-keton tal-etere (PEEK), kif ukoll id-distribuzzjoni ta' reżini bbażati fuq il-PEEK u komposti bbażati fuq il-PEEK lil klijenti li jinsabu ċ-Ċina, Hong Kong SAR, iċ-Ċina, u l-Macao SAR, iċ-Ċina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata:

M.10756 — ACC / EVONIK / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË